

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “C del M” – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 889 126

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 1618/2015-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara l-invalidità tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “C del M” Nru 5 889 126;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' din il-kawża, filwaqt li l-proprietarju tat-trade mark li fir-rigward tagħha ntalbet l-invalidità jiġi kkundannat għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u l-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2017 – Pan vs EUIPO – Entertainment One UK (TOBBIA)

(Kawża T-777/17)

(2018/C 022/82)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Xianhao Pan (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: M. Oliva, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Entertainment One UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “TOBBIA” li tinkludi l-element verbali “TOBBIA” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 775 509

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 1776/2016-1

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni kkontestata.

Motivi invokati

- Nuqqas ta' motivazzjoni, ksur tal-metodu ta' evalwazzjoni tar-relazzjoni bejn it-trade marks kif ukoll nuqqas ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni tat-trade marks;

— Ksur tal-Artikolu 8(b)(1) flimkien mal-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2017 – Baradel *et vs* FEI

(Kawża T-509/16) ⁽¹⁾

(2018/C 022/83)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 274, 21.9.2013 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru T-72/13 u trasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Novembru 2017 – António Conde & Companhia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-244/17) ⁽¹⁾

(2018/C 022/84)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 231, 17.7.2017.
